# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Settembru 2015**

**Numru**

**Rikors numru 7/1996**

**Emanuel Borg**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**1.** Dan hu provvediment mogħti fuq talba tal-appellant Emanuel Borg magħmula waqt l-udjenza ta' dan l-appell fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015 fejn l-appellant talab lil din il-Qorti tissopprassjedi in vista tal-proċeduri kostituzzjonali istitwiti minnu.

**2.** Fis-seduta quddiem din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 2015 l-appellant Emanuel Borg legalment assistit kien issolleva l-preġudizzjali tal-

inkonstituzzjonalità tal-Att Numru I tal-1983 u talab żmien biex jiddeduċi permezz ta' rikors kostituzjonali. L-appell ġie differit għall-14 ta' Lulju 2015 sabiex il-Qorti tirregola ruħha dwar it-talba tal-appellant iżda fil-frattemp, fl-10 ta' Lulju 2015, l-appellant ippreżenta nota li biha ġab a konjizzjoni ta' din il-Qorti li permezz ta' rikors preżentat kontestwalment mal-istess nota huwa ressaq ilment kostituzzjonali rigward il-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti bl-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 1 u 6 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (x'aktarx ir-riferenza hawn kellha tkun għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mhux tal-Ewwel Protokoll tagħha) in relazzjoni mal-fattispeċie tal-każ quddiem din il-Qorti u sabiex huwa jingħata rimedji opportuni. Kopja tar-rikors kostituzzjonali ġiet preżentata b'nota ulterjuri tal-21 ta' Lulju 2015 wara ordni tal-Qorti.

**3.** Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015 l-appellant irtira t-talba magħmula fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2015 u, kif ingħad, talab lil din il-Qorti tissoprassjedi sal-eżitu finali tal-proċeduri kostituzzjonali.

**4.** Il-proċeduri li qegħdin quddiem din il-Qorti permezz ta' dan l-appell inbdew b'rikors fil-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet fil-5 ta' Lulju 1996, ċioè aktar minn 19-il sena ilu. Skont il-Bord imsemmi l-liġi li tirregola l-kumpens għall-eproprjazzjoni tal-art in kwistjoni

f'dan l-appell huwa l-Att I tal-1983. Qabel l-istadju ta' llum l-appellant qatt ma qajjem xi kwistjoni kostituzzjonali dwar l-Att imsemmi. Fl-appell tiegħu r-rikorrent isostni li l-valur iffissat mill-Bord fl-ewwel istanza huwa għal kollox żbaljat għaliex ir-rikorrent isostni li fil-fissazzjoni tal-valur għandu jittieħed qies l-użu jew l-iżvilupp li jkun jista' jsir fuq jew dwar dik l-art. L-aggravju tal-appellant jikkonċerna esklussivament l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi ordinarja b'ebda riflessi ta' natura kostituzzjonali.

**5.** It-talba għal soprassessjoni ma hix ikkontemplata fis-sistema tagħna għalkemm hi kontemplata l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* li tippostula sitwazzjoni ġuridika diversa[1]. L-okkażżjonijiet meta l-Qorti tissospendi t-trattazzjoni ta' kawża sakemm tiġi deċiża kawża oħra jew sakemm xi waħda mill-partijiet tagħmel kawża oħra huma kkonsidrati bħala eċezzjonali u huma fakoltattivi għall-Qorti u mhux obbligatorji u huma appena ttollerati fis-sistema ġurdika[2].

**6.** Ġie wkoll ritenut[3] li "Is-soprassessjoni hija, minnha nfisha, miżura eċċezzjonalissima għaliex tiffrena l-andament normali ta' kawza b'mod billi twaqqaf għalhekk dik l-ispeditezza li tesiġi l-ġustizzja biex kull kawża tinqata' fi żmien raġonevoli." Din il-

[1] Q. Kost. Lawrence Cuschieri v. Onor. Prim Ministru noe. et, 12/8/1994
[2] *ibid*
[3] Q. Kost. Dottor Alfred Mifsud v. Onor. Prim Ministru et, 20/7/1994

konsiderazzjoni takkwista riliev partikolari f'dan il-każ għaliex ir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tiegħu qiegħed proprju jilmenta li fil-proċeduri li dwarhom qiegħed isir dan l-appell huwa sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u ċertament is-soprassessjoni da parti ta' din il-Qorti sservi biss biex taggrava l-leżjoni li minnha jilmenta l-appellant.

Għall-motivi premessi tiċħad it-talba.

L-ispejjeż ta' dan l-inċident ikunu a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur

ld